31978R2211

L 264/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.9.1978

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2211/78
tas-26 ta Settembru 1978
dwar l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 238 tiegħu;

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk iffirmat f'Rabat fis-27 ta April 1976 għandu jkun konkluż,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk huwa hawnhekk konkluż f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jagħti n-notifika skond l-Artikolu 60 tal-Ftehim [2].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ERTL

---

[1] ĠU C 259, ta' l-4.11.1976, p. 15.

[2] Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-segretarju Ġenerali tal-Kunsill.